VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,981, 20 ta' April, 2018
Taqsima B

A.L. 135 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 161 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok is-sotto-paragrafu (iv) tal-paragrafu (ċ) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(iv) għall-**Edukazzjoni Fiżika**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fl-isport u/jew fl-edukazzjoni fiżika, li għandu jinkludi minimu ta' 25 krettu ECTS ta' taqsimiet studju mgħallma b'kontenut prattiku kurrikulari ta' edukazzjoni fiżika li jinkludi dawn l-oqsma li ġejjin: sport individwali, sport f'tim u ħiliet bażiċi ta' moviment; u jgħaddu f'Test ta' Proficjenża fl-Edukazzjoni Fiżika organizzat għal dan il-għan mill-Università u li jkun miksub mhux aktar minn sena qabel l-applikazzjoni."